MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Numru 761/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**

**KONTRA**

**AB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

AB

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f'dawn il- Gzejjer, f' Mejju 2009, u fix- xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) Bil- hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil- hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruci, tqabbel, jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil- miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil, dik il- persuna jew persuna ohra cioe AC;

2) Uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga;

3) Gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil AC;

4) Gab ruhu b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal AC;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni hekk maghmula minnu;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 250(1) u (2), 251A (1) u (2), 383(1) u 412 C tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Inoltre turbot lill-imputat b’garanzija tieghu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta favur il-parte civile u l- familjari taghha taht penali ta’ elf ewro (€1,000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

Fuq verbal tal- istess seduta, il- Qorti tordna divjet fuq l-isem tal- imputat u tal- parte civile.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------